**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 7 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Jonathan Ferris**

**Vs**

**Martin (Martin Joseph) Cutajar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Martin (Martin Joseph) Cutajar ta' 36 sena, bin Emanuel u Jane nee' Grech, imwieled Attard fil-11 t'April 1977, residenti fi 13, L-Inwar, Triq San Nikola, Zurrieq, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 213677(M);

Talli f'Settembru 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1) B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kellu apparat mhux lecitu ghal finijiet kummercjali.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-Pulizija kienet rceviet rapport li l-imputat kellu sistema elettronika li permezz taghha kien qed jircievi stazzjonijiet televizivi minn fuq satellita u jaqsam l-istess stazzjonijiet ma' numru ta' persuni versu prezz fix-xahar. Ghalhekk il-Pulizija ghamlet tfittxija fir-residenza tieghu u elevat diversi oggetti fosthom computer u 'software' li permezz taghhom l-imputat kien fil-fatt qed jircievi dawn l-istazzjonijiet u jaqsamhom ma' terzi. Il-Pulizija talbet informazzjoni lill-banek biex tara kienx hemm pagamenti li saru lilu ghal dan is-servizz, u rrisulta li kien hemm tali pagamenti tul perijodu ta' zmien. Huma ghalhekk hadu stqarrija lill-imputat, u sussegwentement ressquh fuq dawn l-akkuzi.

Dwar dawn il-fatti jidher li hemm qbil bejn il-partijiet. Li ma hemmx qbil dwaru hu li skond id-difiza, l-apparat li kellu l-imputat ma kienx wiehed projbit bil-ligi, u li ma kellu ebda skop jew fini kummercjali kif ippruvat tallega l-Pulizija. Hu kien biss ftiehem ma' numru zghir ta' nies fuq ix-xoghol tieghu biex jaghmlu din l-attivita' flimkien u jaqsmu bejniethom l-ispejjez halli jkollhom access ghall-programmi u stazzjonijiet televizivi ta' barra.

Mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien qed jaghmel uzu minn apparat biex jircievi diversi programmi u stazzjonijiet televizivi minn fuq satellita permezz ta' "cards" mixtrija apposta, fosthom Sky Italia u Sky UK, izda imbaghad hu kien qed jaqsam dawn l-istess programmi u stazzjonijiet ma' persuni ohra, ghal prezz fix-xahar – dak li komunement jissejjah "card sharing". Dan l-apparat gie elevat u ezaminat mill-Pulizija fit-Taqsima tas-'Cyber Crime', u gie esebit fl-atti. Il-Pulizija talbet ukoll lill-banek sabiex jaghtu l-informazzjoni dwar kontijiet

bankarji li kellu l-imputat, u kont minnhom kellu numru kostanti ta' depoziti maghmula, b'ammonti ripetuti, mill-istess nies, uhud minnhom indikati bhala "subscription", "satelite", "subs for sat", "dreambox payment", u "code sharing", fost ohrajn. Sa ma giet interrotta din l-attivita' f'Ottubru 2011 mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija, l-imputat kien qed jipprospetta li jkollu tletin 'klijent' li kien ser jibbenefika minn dan is-servizz (dok AG 6 fol. 28-29).

Mid-dokumenti esebiti u mix-xiehda prodotta, dan kollu hawn fuq indikat huwa konfermat u kkorroborat. Anke l-imputat stess fiz-zewg stqarrijiet tieghu jaqbel li kellu sistema u apparat biex jircievi stazzjonijiet televizivi u jaqsamhom ma' persuni ohra, kif gia' spjegat. Fix-xiehda tieghu, l-imputat ighid li hu kellu hafna spejjez biex jamministra din is-sistema, anke ghax uhud mill-persuni li kienu qed jiehdu sehem f' dan il-"card sharing" kienu, skond hu, persuni anzjani li ma tantx jifhmu u kull problema li kellhom bit-thaddim tas-sistema kien jipprova jsolviha hu. Ghalhekk hu kien jitlef hafna hin ghal haddiehor biex jiehu hsieb din is-sistema, u ghal din ir-raguni kien jitlob mizata minn ghand kulhadd, biex jaghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez u ghat-telf ta' hin tieghu.

Il-Qorti hi tal-fehma li dan kollu jwassal ghall-konkluzjoni li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha fil-konfront tal-imputat. Kif inhu ammess minnu stess, hu kellu madwar tletin persuna fuq din is-sistema, kull wiehed ihallas madwar ghoxrin Ewro fix-xahar. Dan ifisser li din l-attivita' kienet ser thalli lill-imputat is-somma ta' sebat elef u mitejn Ewro (€7,200) fis-sena. Ma giex spjegat car kemm seta' kellu spejjez reali l-imputat. Dak l-ammont kien diehel fil-kont bankarju tieghu regolarment kwazi kull tlitt xhur, minghajr ma jigi dikjarat xejn ghat-taxxa. Ghall-Qorti dan ifisser fi ftit kliem li l-imputat kellu attivita' kummercjali li kienet qed thallilu ftit flus zejda x'jonfoq, billi, izda, jaghmel qligh illecitu fuq xandiriet televizivi ta' kumpaniji privati li jistghu jinqabdu biss minn fuq "card" awtorizzata.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat huwa hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u ghandu jinghata piena ta' multa.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 18  tal-Kap 9, u l-Artikoli 25(1), (2)(e) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tikkundannah multa t’elfejn euro (€2,000).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**